# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1595

Każ Nru 2236/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Alfred Attard

u

SG Catering Services Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

Data: 6 ta' April 2005

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ beda' permezz ta' rikors ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2004 f'isem is-sur Alfred Attard mill-Avukatessa Marvic DeBarro fejn ġie allegat illi l-istess Alfred Attard ġie illiċenzjat mill-impieg tiegħu minn mall-Kumpanija SG Catering Services Ltd allegatament għal raġuni li mhux tajba u suffiċjenti. Il-Kumpanija li kienet rappreżentata mis-sinjuri Aldo Vella u Andre' Bencini, assistiti mill-Avukat Owen Bonnici, ċaħdu dan. Inżammu sitt seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad illi minħabba nuqqasijiet infrastrutturali ma kienx possibbli li dan il-każ jinqata' fiż-żmien preskritt mill-istess liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant kien impjegat mall-Kumpanija Appellata mill-1 ta' Jannar 2003. F'Mejju 2004 huwa kien ġie avviċinat mid-diriġenti tal-istess Kumpanija fejn infurmawh permezz ta' ittra illi minħabba nuqqas ta' qliegħ l-kundizzjonijiet tal-impieg tiegħu kienu se jitbiddlu b'hekk li minflok xogħol *full time* kien se jiġi jaħdem bħala *part time*. Huwa ntalab jiffirma l-ittra bħala qbil mall-kontenut tagħha. Sadattant semgħa li l-istaff kollu, ħliefu kienu msejjħa fejn ġew infurmati li kienu wkoll sejrin jiġu maqluba minn *full time* għal *part time*. Fuq intervent tal-GWU dawn ma aċċettawx. Wara li huwa ma ffirmax l-ittra riferita aktar 'il fuq huwa ġie mogħti ittra datata 18 ta' Awwissu 2004 fejn ġie nfurmat li kien qed jiġi liċenzjat mill-31 ta' Awwissu 2004 peress illi l-post tiegħu kien sar *redundant*. Saru xi laqgħat li daħal fihom is-Segretarju Ġenerali tal-GWU iżda konkretament ma sar xejn ħlief li l-Appellant ġie mogħti frank Settembru kollu li matulu l-kwistjoni kollha kellha tiġi studjata biex forsi tinstagħab xi soluzzjoni. Iżda din qatt ma saret u fil-fatt baqa' bla impieg. Huwa jgħid illi ġew impjegati nies oħra fuq bażi *part time* wara l-liċenzjament tiegħu u jgħid ukoll illi l-fatt li tkeċċa għax ma aċċettax li jaħdem *part time* flok *full time* huwa ksur tal-Artikolu 10 tal-Avviż Legali 427 tal-2002.

Il-Kumpanija ssostni li dan il-liċenzjament huwa frott ġenwin ta' *redundancy* peress li kienet għaddejja minn sitwazzjoni finanzjarja ħażina u għaldaqstant ma kelliex bżonn iktar il-post ta' *Assistant Manager*.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Li ried jeżamina it-Tribunal huwa dak li wassal għal-liċenzjament tal-Appellant, jekk kienx veru każ ta' *redundancy*, jekk din setgħetx tiġi evitata u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li kien hemm qabel ma l-Appellant fil-fatt ġie liċenzjat.

Ġie ippruvat sodisfaċjentement illi l-Kumpanija Appellata kienet fl-aħħar sentejn ħadmet bit-telf u l-prospetti ma kienux tajba għall-futur qrib. Jidher ukoll illi saru sforzi serji biex l-ispejjes jitnaqqsu permezz ta' bdil ġenerali tal-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kollha. Dan l-attentat ma rnexxiex għaliex intervjeniet l-Union u mid-dehra l-Kumpanija Appellata abbandunat almenu temporanjament din is-soluzzjoni. Dan qed jingħad· għaliex huwa evidenti li minħabba din ir-reziztenza tal-Union id-diriġenti tal-Kumpanija fittxew soluzzjoni oħra, dak li dehrilhom li tkun is-*soft option* li jiffokaw fuq impjegat wieħed biss li skond huma ma kellux protezzjoni tal-Union (Andre' Bencini seduta 20 ta' Jannar 2005 fol 34).

Dan it-Tribunal kemm il-darba tenna li meta Kumpanija ssib ruħha f'diffikultà finanzjarja tista u forsi għandha wkoll l-obbligu li tirristruttura ruħha b'mod li anke forsi tiddikjara *redundancies* biex tassigura s-sopravvivenza tagħha. Huwa dover tat-

Tribunal li jivverifika dan biex jassigura ruħu li dawk il-ħaddiema li jiġu liċenzjati bħala *redundant* ikunu ġenwinament hekk. Fil-każ in eżami l-liċenzjament tal-Appellant kien wieħed ġenwin ta' *redundancy* ?

Jekk l-ittra tat-28 ta' Lulju 2004 tittieħed fl-istess kuntest tal-ittra tat-18 ta' Awwissu 2004 kif ukoll it-talba bejn iż-żewġ dati li l-Appellant jagħti risposta għall-ewwel ittra dritt tintebaħ illi l-vera raġuni għal-liċenzjament tiegħu kien il-fatt illi rrifjuta li jaqleb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu għal dawk suġġeriti mill-Kumpanija Appellata. Dan huwa ksur ċar tal-Artikolu 10 tal-Avviż Legali Numru 427 tal-2002 li jesiġi li rifjut ta' talba simili ma għandiex tikkostitwixxi *"raguni valida għat-terminazzjoni ta' l-impieg"*. Wieħed jifhem li l-Kumpanija Appellata kellha tieħu xi passi biex tissana l-finanzi tagħha. Iżda meta abbandunat l-idea li tbiddel il-kundizzjonijiet tal-impjegati kollha kienet qed tiżola wieħed biss mill-impjegati tagħha u tuża l-pretest tal-kariga tiegħu biex tirrendih *redundant*. Wieħed ġustament isaqsi: kieku l-Appellant aċċetta li l-kundizzjonijiet tiegħu jinbidlu minn dak ta' *full time* għal dak ta' *part time* il-kariga tiegħu kienet tkun ħielsa mir-*redundancy* jew le?

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-Appellant Alfred Attard ġie liċenzjat mill-Kumpanija SG Catering Services Ltd għal raġuni li la hi ġusta u lanqas suffiċjenti. Jordna li huwa għandu jerġa jidħol jaħdem fl-istess kariga u kundizzjonijiet li kellu b'effett mill-15 ta' April 2005.

Il-perijodu li l-Appellant kien nieqes mix-xogħol għandu jitqies bħala *leave without pay* u għandu jiġi kunsidrat li ma kienx hemm interruzzjoni ta' servizz.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja